StudentBounty.com

# SKEJJEL PRIMARJI

## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2012

| IR-RABA' KLASSI | L-Eżami tal-Qari | Ħin: **50 MINUTA** |
|---|---|---|

Isem:______________________________ Klassi:____________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi.

  TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.

- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



www.StudentBounty.com

Taqsima B

Ħares sew lejn din il-mappa.






www.StudentBounty.com

A. Daħħal dawn il-kliem fil-vojt biex is-sentenza tagħmel sens.

B. Niżżel in-numru ħdejn it-tweġiba t-tajba.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | nisma' l-quddies | | Ħanut tal-ħwejjeġ |
| 2. | nislef xi ktieb biex nqra | | it-tabib |
| 3. | nixtri libsa | | il-pustier |
| 4. | nirċievi l-ittri mingħand | **1** | il-knisja |
| 5. | nkun ma niflaħx u mmur għand | | il-mekkanik |
| 6. | tieqaf il-karozza | | il-librerija |

(marka x 5 = 5 marki)



www.StudentBounty.com

**KOLLU TORT TA' SAN FRANĠISK**
*L-Ewwel Parti*



Anġlu Piżellu kien anġlu ċkejken u tgħidx kemm kien imqareb. Kien jagħmel kull paspura. Darba waħda qal bejnu u bejn ruħu "Taf x'nagħmel! Immur dawra! Ħaqqni nitlaq ftit għal kwiet fuq kollox."

Ma ħasibiex darbtejn. Fetaħ ġwenħajh u tar minn ġot-tieqa għal barra. Tela' fil-għoli kemm seta'.

Aħjar intir fil-għoli! Dak in-nhar li tirt fil-baxx dak il-kaċċatur ħasibni għasfur u sparali.

Qabad it-triq lejn il-Baħrija u minn hemm baqa' jtir max-xatt. Ma kienx jaf sewwa l-postijiet x'kien jisimhom, imma ma ħabbilx rasu. L-aqwa li kien qiegħed itir fil-liberta□, waħdu fejn jixtieq. Fl-aħħar wasal f'post fejn ra vapur riesaq mal-moll u jorbot hemm.

"Issa naf fejn jien," qal f'qalbu. "Hawn iċ-Ċirkewwa u dak il-vapur t'Għawdex."

Il-vapur l-ewwel għabba l-passiġġieri u mbagħad beda jgħabbi l-karozzi . Minn trakkijiet kbar sa karozzi żgħar. Imbagħad ra vann bil-kaxxa miftuħa u fuq il-kaxxa kien hemm raġel twil liebes ta' patri. Għarrex sewwa u ħa xokk kbir! Għarfu!

"Dak *San Franġisk*! Dak kif niżel hawn? U x'sejjer jagħmel Għawdex?"

---

A. Agħmel sinjal taħt **VERU** jew **FALZ**. Ara l-eżempju.

| | **VERU** | **FALZ** |
|---|---|---|
| 1. Anġlu Piżellu kien anġlu ċkejken. | √ | |
| 2. L-Anġlu ddeċieda li jtir fil-baxx. | | |
| 3. L-Anġlu tar saċ-Ċirkewwa. | | |
| 4. Il-vapur l-ewwel għabba l-karozzi. | | |
| 5. Fuq kaxxa kien hemm raġel liebes ta' patri. | | |
| 6. Anġlu Piżellu ħa gost li ra lil dan il-qaddis. | | |

(marka għal kull waħda = 5 marki)



www.StudentBounty.com

B. Agħmel sinjal taħt it-tajba. Ara l-eżempju.

1.

| | | |
|---|---|---|
| *Ma ħasibiex darbtejn* tfisser | dam jaħsibha | |
| | iddeċieda malajr | √ |
| | ħaseb ftit | |

2.

| | | |
|---|---|---|
| *Ma ħabbilx rasu* tfisser | ma nkwetax | |
| | tħabbillu xagħru | |
| | inkwieta ħafna | |

3.

| | | |
|---|---|---|
| *Għarrex sewwa* tfisser | jitgħarrax ħafna | |
| | mar jistaħba | |
| | ħares tajjeb | |

4.

| | | |
|---|---|---|
| *Fetaħ ġwenħajh u tar minn ġot-tieqa.* Iż-żewġ **nomi** huma | fetaħ u tar | |
| | ġwenħajh u tar | |
| | ġwenħajh u tieqa | |

5.

| | | |
|---|---|---|
| *Qabad it-triq lejn il-Baħrija.* Il-**verb** huwa | Qabad | |
| | Triq | |
| | Lejn | |

6.

| | | |
|---|---|---|
| *Dak San Franġisk! Dak kif niżel hawn.* In-**Nom Propju** huwa | Niżel | |
| | San Franġisk | |
| | Dak | |

(marka għal kull waħda= 5 marki)



www.StudentBounty.com

## KOLLU TORT TA' SAN FRANĠISK

*It-Tieni Parti*

Meta ra lil San Franġisk ma setax jemmen l-għajnejh. Ħares sewwa u nduna b'xi ħaġa li kexkxitu.

"X'waħda din! Dak marbut mal-kaxxa tal-vann! Xi ħadd qabdu priġunier. Jeħtieġ ngħinu jaħrab! Qal irrabjat mhux ftit. X'għarukaża! Mank jistħu! Qaddis bħal dak! Fil-Ġenna kulħadd iħobbu u hawn xi ħadd kellu l-wiċċ tost li jaħtfu u jieħdu Għawdex marbut bil-ħbula. Miskin! Mur għidlu li kellha tiġrilu ħaġa bħal din."

Kien xokk kbir għal dan l-Anġlu żgħir. Waħħal f'rasu li malli jkun ċert li ħadd ma jarah, imur iħollu u jgħinu jaħrab. Meta ra li l-vapur kien qed itella' r-rampa u ma kienx baqa' nies fuq il-moll, tar għal ġewwa u mar ħdejn San Franġisk.




"Franġisku! Tinħasadx! Hawn jien ħdejk, l-Anġlu Piżellu. Tagħmilx ħoss għax jaqbduna. Għidli xi ġralek. Imma min taħt l-ilsien."

San Franġisk ma tkellem xejn. Baqa' jħares 'il fuq b'għajnejh ċassi. Piżellu ħares lejn wiċċu.

"Żgur tawh xi ħaġa biex jistorduh. Anqas qed jarani. Franġisk! Franġisk! Kellimni! Jien l-Anġlu Piżellu. Jien ħabib tiegħek. X'għamlulek, għid?

Imbagħad ipprova jġebbdu mil-libsa biex forsi jqajmu. Imma sab li l-libsa kienet iebsa. Ħares sewwa u malajr induna li qiegħed jitkellem ma' statwa ta' San Franġisk. Mhux mal-qaddis! Ħassu jistħi u sar aħmar nar.

(silta meħuda mill-ktieb *"L-Avventuri tal-Anġlu Piżellu"* ta' Marianne Tabone)

---

7. Lil min ra l-Anġlu marbut mal-kaxxa? (marka)

________________________________________________

8. Fejn kien sejjer il-vapur? (marka)

________________________________________________

9. Għaliex taħseb li l-Anġlu ħadha daqshekk bi kbira li qabdu dan il-qaddis? (2 marki)



www.StudentBounty.com

______________________________________________________________

______________________________________________________________

10. Għaliex l-Anġlu beda jitkellem minn taħt l-ilsien? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

11. X'ħaseb l-Anġlu li għamlulu lil dan il-qaddis, meta ma ħa l-ebda tweġiba? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

12. Kif induna li dak ma kienx il-veru qaddis li hemm fil-ġenna? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

13. Sib kelma jew kliem **mis-silta** li jfissru:

a) beżgħatu ______________________

b) daħħal f'moħħu ______________________

ċ) tieħux qatgħa ______________________

d) aħmar ħafna ______________________

(marka x 4 = 4 marki)

14. San Franġisk huwa qaddis protettur ta'

a) bnedmin _______

b) annimali _______

ċ) tfal _______

(marka)

14. Wieġeb kif għandek miktub. Ħares sew lejn l-eżempju.



www.StudentBounty.com

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Telgħu ħafna *karozzi* u *muturi* fuq il-vapur. | Plural ta' **karozza** u **mutur** |
| 2. | Kien hemm ____________________ suldati u _____________ vapuri fil-port. | Kollettiv ta' **vapuri** u **suldati** |
| 3. | Anġlu Piżellu kien anġlu ________________ u _________________. | Daħħal żewġ aġġettivi fil-vojt |
| 4. | Fi triqtu ra _________________ jirgħu fl-________________. | Femminil plural ta' **barri**<br><br>Plural ta' **għalqa** |
| 5. | "_____________ u _______________" qallilhom l-Anġlu. | L-Imperattiv Plural ta' **qum** u **ġera** |
| 6. | L-Anġlu Maġġur kellu leħnu _____________ u ________________. | Il-Kontra ta' **sabiħ** u **oħxon** |
| 7. | Fil-Milied jien _____________ ta' anġlu u oħti ______________ fil-kor. | Il-Preżent ta' **libes** u **kanta** |
| 8. | L-istaġun li fih niċċelebraw il-Milied huwa _____________fix-xahar ta' ______________ | Daħħal **l-Istaġun** u **x-xahar** |
| 9. | __ Tnejn filgħodu ħafna tfal daħlu __ iskola. | Daħħal **l-artiklu** |
| | | |



www.StudentBounty.com

| | | |
|---|---|---|
| 10. | Il-libsa ħamra kienet maħmuġa. | Aqta' sing taħt **l-aġġettivi** |
| 11. | Il-bniet ____________ il-ħabel u s-subien ________________ bil-boċċi. | Il-Preżent tal-verbi **qabeż** u **lagħab** |



www.StudentBounty.com